# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 5 ta' Frar 2001**

**Avviz. numru 646/99**

**Numru 14**

**W.J. Parnis England Limited**

**vs**

**Yasmeen Staff u Jackie Attard Montalto**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u tnejn u sittin lira Maltija u tmienja u erbghin centezmu (Lm562.48) dovuta in kwantu ghal hames mija u tnejn u erbghin lira Maltija u tmienja u erbghin centezmu (Lm542.48) ghal kont tat-telefon numru 335778 (Dok A) li jinsab fil-fond Flat 6, Alexandria Mansion, Triq Karm Galea, Sliema, li kien mikri lil Media Vision International Limited permezz ta‘ skrittura datata 27 ta' Mejju, 1996, (Dok B) f'liema skrittura l-konvenuti intrabtu bhala garanti personali u "in solidum" ghall-obbligi tal-istess kumpanija Media Vision International Limited u kwantu ghar-

rimanenti ghoxrin lira Maltija (Lm20.00) bhala “re-connection fee” ghall-istess telefon.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri bonarji tal-15 ta’ April 1998, l-25 ta’ Mejju 1998 u tal-11 ta’ Frar 1999, u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-nota ta’ cessjoni tallum 5 ta’ Frar 2001 li biha s-socjeta’ attrici cediet l-istess meritu tal-kawza fil-konfront tal-konvenuta Jackie Attard Montalto.

Wara li rat in-nota tal-konvenuta l-ohra Yasmeen Staff (a fol 15 tal-atti) li biha din il-konvenuta ammettiet it-talba fil-konfront taghha.

Tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu tal-kawza fil-konfront ta’ Jackie Attard Montalto tilqa t-talba attrici fil-konfront ta’ Yasmeen Staff u tikkundanna lill din il-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm562.48,0 bl-imghax legali mis-6 ta’ Mejju 1999 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri bonarji tal-15 ta’ April 1998 , tal-25 ta’ Mejju 1998 u tal-11 ta’ Frar 1999.

Alan Calleja
Dep.Reg

Avviz Nru 646/99 JAB